Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 17

Data tal-laqgħa: 22 ta' Ġunju 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dr Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 17.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġija

17.1.1 Ma kienx hemm ittri ta’ apoloġija.

## 17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

17.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti ta’ Laqgħa Nru. 14, Laqgħa Urġenti Nru. 15 u Laqgħa Urġenti Nru. 16. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

17.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 17.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

17.3.1 Para 14.8.16 – Triq it-Tabib J Zammit
Is-SE infurmat li IM ikkonfermaw li ma tistax issir bankina fil-parti ndikata peress lit-triq hija dejqa.

## 17.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

17.4.1 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mis-Sindku.

## 17.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

17.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 17.6 Rapporti

17.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 17.7 Vakanza ta’ Skrivan (Skala 15 – *full-time*)

17.7.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ittra mingħand l-iskrivan fejn qed jinforma li f’Ottubru 2020 ser jagħlaq 61 u ser jirtira.

17.7.2 Il-Kunsill unanimament approva biex immedjatament jibda l-proċess għall-ingaġġ ta’ skrivan (skala 15 – *full-time*) biex jissostitwixxi l-iskrivan li ser jirtira. Is-SE se tikteb lid-DGL biex jinħareġ il-permess sabiex jibda l-proċess.

## 17.8 *Sleeping policemen* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima

17.8.1 Is-SE infurmat li, wara li ntbagħtu l-ittri lir-residenti affettwati, numru ta’ residenti bagħtu l-oġġezzjoni tagħhom għal dawn is-*sleeping policemen.* Is-SE infurmat ukoll li daħlu ukoll żewġ petizzjonijiet iffirmati waħda minn 43 resident u l-oħra minn 23 resident.

17.8.2 Is-Sindku qal li dawn huma r-raġunijiet prinċipali fost ħafna oħra għall-oġġezzjoni tagħhom:

1. Storbju ser jiżdied
2. Triq ġdida se tittaqqab biex jiġi nstallati
3. Fejn qed jiġu proposti, id-djar kollha antiki u m’għandhomx *double glaze*

Apparti minn hekk, kif fill-fatt ġara fi Triq Birbal, *sleeping policeman* mhux se ssolvi l-problema ta’

*overspeeding.*

17.8.3 Il-Kunsillier Stephen Gatt issuġġerixxa li jsiru sinjali li jindikaw il-limitu tal-veloċità (30km) tul it-triq kollha. Il-Kunsill qabel li jsiru dawn ir-*road markings.* Is-SE ser tapplika ma' TM għal permess.

17.8.4 Il-Kunsillier Stephen Gatt issuġġerixxa wkoll li tiġi installata *speed camera*. Is-Sindku spjega li fil-passat diġà kienet saret talba biex tiġi installata waħda fi Triq Birbal (triq arterjali) u ma ġietx approvata. Ser naraw kif se nibqgħu fuq l-applikazzjoni għal *speed camera* f'Wied Ħal Balzan. Jekk tiġi approvata, il-Kunsill japplika għal Triq Birbal u Triq il-Ferrovija l-Qadima.

17.8.5 Il-Kunsill iddiskuta u unanimament qabel li jirrispetta l-oġġezzjoni tar-residenti u għalhekk l-i*sleeping policemen* ma ġewx approvati. Il-Kunsill ser jesplora għal soluzzjonijiet oħra.

**F'dan il-ħin (4.15pm) daħlet il-Kunsillier Mary Louise Briffa għal-laqgħa.**

## 17.9 *One-Way System* fi Triq Ġuże' Bonnici u toroq tal-madwar

17.9.1 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill *site plan* (DOK 1) tas-sistema hekk kif proposta mis-Sindku.

17.9.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien is-sekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-Kunsill unanimament approva li tiġi sospiża l-laqgħa peress li kien hemm numru ta' residenti preżenti li riedu jispjegaw it-tħassib tagħhom.

**F'dan il-ħin (4.20pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fil-4.40pm.**

17.9.3 Il-Kunsill iddiskuta u għalkemm kien hemm qbil li Triq Ġuże' Bonnici ma tistax tiġi *two-way*, is-*site plan* ma ġietx approvata.

17.9.4 Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li jsiru tip ta' *traffic lights* li jkunu dejjem mixgħulin ħomor, u jinbidlu (ħodor) biss għat-trasport pubbliku. Is-SE ser tiċċekkja mal-*Malta Public Transport* jekk hux possibbli li tiġi implimentata din is-sistema.

17.9.5 Din il-kwistjoni ser terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss bit-tama li tinstab soluzzjoni.

## 17.10 *Corona Virus* (COVID-19) Miżuri ta' Prekawzjoni

17.10.1 Ġiet innutata Direttiva 3/2020 mibgħuta mid-DGL, fejn qed tiġi revokata Direttiva 2/2020 – COVID-19. Għalhekk, b'effett mid-data tad-Direttiva 3/2020, il-laqgħat tal-Kunsill qed jerġgħu isiru mill-uffiċċju amministrattiv.

17.10.2 Apparti minn hekk, ġie diskuss u approvat il-Kwestjonarju mibgħut ma' din id-Direttiva u mimli mis-SE flimkien mas-Sindku. Il-Kunsill qabel li l-laqgħat tal-Kunsill permezz ta' mezzi *online* għandhom jiddaħħlu bħala alternattiva. Il-Kunsill jippreferi li l-laqgħat isiru fiżikament però jekk din tiddaħħal bħala opzjoni, dan il-mezz jibda jintuża mill-Kunsill b'eċċezzjoni (eż: f'każ ta' xi membru li ma jistax ikun preżenti fiżikament).

17.10.3 Il-Kunsill iddiskuta u approva li jiġu riveduti l-miżuri għall-operat tal-uffiċċju. Ser jitħallew jidħlu 2 persuni fl-istess ħin fl-uffiċċju, ser jibdew jitqassmu l-boroż il-bojod u l-ħodor, ser tinfetaħ l-*Open Library* (persuna ma tistax iddum aktar minn 20 minuta) u ser tinfetaħ il-latrina pubblika. Dwar pagamenti li jridu jiġu depożitati l-BOV, se jibqgħu jiġu aċċettati ħlasijiet b'ċekk biss.

17.10.4 Ġew innutati l-linji gwida maħruġa mill-Ministru tas-Saħħa dwar il-*playing fields*. Dawn jinkludu numru ta' kundizzjonijiet obbligatorji li jridu jiġu osservati strettament. Ġie rrimarkat li l-Kunsill mhuwiex attrezzat biżżejjed biex jiġu osservati dawn il-kundizzjonijiet. Ser jiġi ċċekkjat mal-Ministeru tas-Saħħa dwar sa meta huma applikabbli dawn il-kundizzjonijiet, biex il-Kunsill jiddeċiedi jekk tingħalaqx il-*playing field*.

**F'dan il-ħin (5.05pm) reġgħet ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fil-5.10pm.**

17.10.5 Il-Kunsillier Mary Louise Briffa infurmat lill-Kunsill li xi nies qed jużaw il-magna tal-ilma biex jaħslu xagħarhom / idejhom., meta din suppost li tintuża għax-xorb. Ser titwaħħal tabella li tindika li ser jiġu

mħarrka persuni li ser jużaw l-magna mhux għax-xorb.

## 17.11 Wied Ħal Balzan

17.11.1 Dwar il-problema ta' drenaġġ ta' Wied Ħal Balzan, ġiet innutata r-risposta tal-Perit li kien inkarigat mill-proġett tat-triq, fejn informa li għaddejja diskussjoni interna biex tinstab soluzzjoni. Ser tintbagħat *email* lill-Perit biex naraw għandux xi risposta.

## 17.12 Statwa ta' Santa Marija

17.12.1 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li ser ikun qed ikellem lill-Ministru responsabbli dwar l-istat ta' din l-istatwa bit-tama li jinġiebu fondi għar-restawr.

## 17.13 Attivitajiet għal żmien il-Milied

17.13.1 Is-SE infurmat li għal din is-sena l-Kunsill għandu *budget* ta' €2,600 għad-dwal tal-Milied, €1,500 għal attivitajiet soċjali u €2,000 għal attivitajiet kulturali.

17.13.2 Peress li din is-sena, ma sarux numru ta' ħarġiet għall-anzjani minħabba l-COVID-19, il-Kunsill qabel li jiżdied il-*budget* għall-Milied.

17.13.3 Ser niġbru kwotazzjonijiet biex jintrema dawl dekorattiv fit-toroq approvati fil-laqgħa ta' Mejju.

17.13.4 Dwar l-attività, ġew diskussi numru ta' attivitajiet li jistgħu jiġu organizzati. Il-Kunsill qabel li sa Settembru jiġi deċiż jekk hux ser issir attività skond is-sitwazzjoni tal-COVID-19.

## 17.14 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

17.14.1.1 <u>Taħrika ta' Xhud – Triq it-Tliet Knejjes</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li rċeviet it-taħrika biex rappreżentant mill-Kunsill jitla' jixhed fis-26 ta' Novembru 2020 fuq il-każ tal-persuna li żebgħat il-bankina fi Triq it-Tliet Knejjes.

17.14.1.2 Il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef ippropona biex jekk hu possibbli l-Kunsill jirtira l-ilment, la l-kwistjoni ġiet riżolta. U jekk mhux possibbli, ninfurmaw lill-avukat biex iddaħħal nota fil-proċess u tgħid li l-kwistjoni ġiet riżolta għas-spejjeż tiegħu u l-Kunsill mhux se jipproċedi. Il-Kunsill unanimament approva.

17.14.2.1 <u>Proġetti ffinanzjati mill-Kunsill Reġjonali Ċentru</u>
Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-Kunsill Reġjonali Ċentru dwar proġett li ser ikun iffinanzjat mir-Reġjun, permezz ta' *Spinning Photos* sabiex knisja waħda, magħżula mill-Kunsill, tkun tista' tidher b'mod virtwali permezz ta' apparat elettroniku. Il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef ta spjegazzjoni ta' dan il-proġett. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'dan il-proġett u l-Viċi Sindku ser ikun ir-rappreżentant tal-Kunsill f'dan il-proġett.

17.14.2.2 Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-Kunsill Reġjonali Ċentru dwar proġett li ser ikun iffinanzjat mir-Reġjun, permezz ta' *Content Curate*, sabiex l-informazzjoni li tinsab *online* fuq il-Wikipedia tiġi aġġornata u tkun waħda kurrenti. Il-Viċi Sindku ta spjegazzjoni ta' dan il-proġett. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'dan il-proġett u l-Viċi Sindku ser ikun ir-rappreżentant tal-Kunsill f'dan il-proġett. Ser ikun qed jikkomunika d-dettalji tas-Sur Carmel Bezzina f'każ li jkun hemm bżonn informazzjoni storika.

17.14.3.1 <u>Komunikazzjoni mir-rappreżentat fil-Kunsill Reġjonali Ċentru</u>
Il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef infurma lill-Kunsill li f'laqgħa tar-Reġjun li saret din il-ġimgħa, iltaqgħu ma' rappreżentat minn PA fejn spjegalhom fuq id-*Development Planning Fund* (DPF). Waqt din il-laqgħa ġew infurmati li ser jinbidel il-mod ta' kif jiġu allokati u amministrati dawn il-fondi.

17.14.3.2 Bit-tibdil li ser isir, il-fondi li preżentament hemm allokati fuq Ħal Balzan ser jinqasmu: 80% għal proġetti li jsiru mill-Kunsill u 20% għal proġetti li jsiru mill-VOs. Dan it-tibdil ifisser it-telf ta' €17,499.99c mill-fond allokat għall-Kunsill. Din il-laqgħa (*online*) ma setgħetx titkompla peress li kien hemm xi problemi tekniċi u għalhekk se ssir laqgħa oħra fil-25 ta' Ġunju 2020. Il-Viċi Sindku talab lill-Kunsilliera biex jgħaddulu l-

mistoqsijiet li jista' jkollhom, biex jistaqsihom waqt din il-laqgħa.

17.14.3.3 Il-Viċi Sindku ikkomunika l-lista ta' VOs li huma reġistrati fuq Ħal Balzan. Il-Kunsill ser ikun qed jutilizza dawn il-fondi biex isir il-proġett tal-*playing field*.

17.14.4.1 <u>Ċirkulari AKL 2020/074 – Servizzi lill-anzjani mill-Kunsilli Lokali – Ċentru Servizz Anzjani</u>
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2020/074 mibgħuta mill-AKL fejn qed jiġbru lista tal-KL li huma nteressati li jibdew joffru servizz biex jassistu lill-anzjani fil-mili tal-formoli taċ-Ċentru Servizz Anzjani.

17.14.4.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li joffri dan is-servizz permezz tas-Sottokumitat għall-Anzjani, iż-Żgħażagħ u tfal.

17.14.5.1 <u>Kwotazzjonijiet għall-provvista tas-Servizz ta' Assigurazzjoni tal-Assi tal-Kunsill</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li talbet lill-erba' kumpaniji għal kwotazzjoni għall-provvista tas-Servizz ta' Assigurazzjoni tal-Assi tal-Kunsill għall-perjodu minn l-1 ta' Lulju 2020 sat-30 ta' Ġunju 2020.

17.14.5.2 Il-Kunsill unanimament approva l-unika offerta li waslet ta' Island Insurance Brokers Limited.

17.14.6.1 <u>Kwotazzjonijiet biex jiġu rranġati żewġ (2) bankini</u>
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill żewġ kwotazzjonijiet biex jiġu rranġati żewġ (2) bankini biex isiru 2 *zebra crossings* ġodda. Is-SE infurmat li ma rnexxilhiex iġġib it-tielet (3) kwotazzjoni għax xogħol żgħir qed jiġi rrifjutat.

17.14.6.2 Il-Kunsill irrimarka li dawn iż-żewġ *zebra crossings* hemm bżonn li jsiru urġenti u għalhekk unanimament approva l-irħas offerta ta' Nabbu Excavation.

17.14.7.1 <u>Ċirkulari AKL 2020/060 – Dokument proġett *Slow Streets* u laqgħat mal-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali rispettivi</u>
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2020/060 mibgħuta mill-AKL. Il-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef attenda l-laqgħa organizzata mill-AKL fuq dan is-suġġett.

17.14.7.2 Il-Viċi Sindku ta xi dettalji dwar x'intqal fil-laqgħa li attenda dwar dan is-suġġett. Spjega li jekk il-Kunsill ser jipparteċipa irid isir studju dettaljat biex jiġi żviluppat il-pjan. Dan l-istudju jista' jsir minn *team* ta' esperti magħżula mill-AKL bl-ispiża ta' madwar €3,000 jew minn esperti magħżula mill-Kunsill. Apparti minn hekk il-Kunsill irid jidentifika ż-żoni fejn qed jiġi ppjanat li jsir dan il-proġett.

17.14.7.3 Il-Kunsill iddiskuta u ġie rrimarkat li din l-inizjattiva ser iġġib il-problemi jekk mhux ser tkun ikkoordinata b'mod ċentrali. Għalhekk qabel tittieħed deċiżjoni dwar jekk il-Kunsill hux ser jipparteċipa, ser jiġi ċċekkjat mal-AKL dwar jekk il-Kunsill għandux dritt li joġġezzjona għal xi proġett propost minn Kunsill fil-viċinanzi u li jkun se joħloq problema fil-lokalità tagħna, irrilevanti jekk il-Kunsill jipparteċipax f'dan il-proġett jew le.

17.14.8.1 <u>*Student Placement Opportunity*</u>
Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-*Institute for Education* Il-Kunsillier Stephen Gatt ta xi informazzjoni ta' dan il-proġett wara li ltaqa' ma' rappreżentanti.

17.14.8.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jospita student/a (persuna waħda fl-istess ħin) għal *work placement* f'Lulju 2021.

17.14.9 <u>Talba biex Triq Birbal issir *one-way*</u>
Is-SE ressqet talba biex Triq Birbal issir *one-way* peress lit-triq hija wisq dejqa biex tkun *two-way*. Il-Kunsill irrimarka li fil-passat tlabna biex it-triq issir *one-way* però ma ġietx approvata.

17.14.10.1 <u>Talba biex titneħħa / tiġi rilokata l-i*sleeping policeman* li hemm fi Triq Birbal</u>
Residenti qed jitolbu li titneħħa / tiġi rilokata l-i*sleeping policeman* li hemm fi Triq Birbal peress li qed tkun ta' inkonvenjent għar-residenti taż-żona minħabba l-istorbju li qed toħloq meta jgħaddu karozzi minn fuqha.

17.14.10.2 Il-Kunsill irrimarka li din kienet saret minn TM mingħajr mal-Kunsill talab għaliha u għalhekk kien hemm qbil li nitolbu lill-TM biex titneħħa.

17.14.10.3 Dwar it-talba biex tiġi installata *sleeping policeman* bejn Vjal M A Refalo u Vjal De Paule, is-Sindku talab biex nerġgħu nibgħatu *reminder* lill-TM.

17.14.11.1 Talba biex tħawwel pjanti tal-*bouganville* fuq il-bankina

Residenta qed titlob il-permess tal-Kunsill biex tħawwel pjanti tal-*bouganville* fuq il-bankina quddiem ir-residenza tagħha fi Triq il-Kbira k/m San Rokku.

17.14.11.2 Din it-talba ma ġietx approvata mill-Kunsill peress li l-bankina dejqa.

## 17.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

17.15.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 06/20, li tinkludi l-ammont ta' €198.86c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Mejju 2020.

17.15.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

17.15.3 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni għax-xiri ta' 2 siġġijiet tal-kompjuter (€199 VAT inkluż -il wieħed) għall-*front Office* għax li għandna preżentament m'għadhomx tajbin. Il-Kunsill unanimament approva l-kwotazzjoni.

## 17.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

17.16.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.20pm.

17.16.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 23 ta' Lulju 2020 fl-4.00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis, 23 ta' Lulju 2020.

IFFIRMATA

Nutar Ian Spiteri
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

# Dok 1


Balaguer
Balaguer
Crazy Safety Malta
Dimech
Zahr
Zahra
Annunzjata
Annunzjata
Annunzjata
Tacticarms Malta
Except for Route Buses
Wigi Ebejer
Hal Balzan Local Council
Fra Giuseppe
Kazin tal-Banda San Gabriel
Balzan Parish Church
Main St
Main St
Balzan
Except for Route Buses
Rojolin Bakery
Balzan Police Station